MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 226/2011

**A B**
vs

**C sive D B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Lulju ta’ l-elf disa’ mija u disgha u sebghin (1979) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom erbat itfal illum kollha maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Carmel Gafa` mit-tmientax (18) ta’ Marzu ta’ l-elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) (Ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom sbatax–il sena mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn / familji godda;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju *stante* li l-ulied huma llum kollha maggorenni u 'l fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena;

Illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali (Ara Dok B, klawsola 7) l-intimata iddekadiet mid-dritt taghha ghall-manteniment u r-rikorrent irrinunzja ghad-dritt tieghu ta' manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat in-nota ta' l-intimata ta' l-14 ta' Novembru 2011;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c  tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi  irrizulta kemm mix-xiehda tal-partijiet, kif ukoll mill-provi prodotti, illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr Carmel Gafa mit-18 ta' Marzu, 1994,

Rat ukoll illi l-ebda manteniment ma hu dovut stante li ulied il-partijiet illum huma kollha maggorenni u ghandhom ‘il fuq minn 23 sena u illi l-intimata kienet iddekadiet mid-dritt taghha ghall-manteniment u ir-rikorrent kien irrizunzja ghad-dritt tieghu ta’ manteniment fil-kuntratt ta’ separazzjoni personali;

Rat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, skond kif xehdu l-istess partijiet;

Rat in-nota ta’ l-intimata li permezz taghha irrilevat illi tixtieq tirriverti ruhha ghal kunjomha xebba X;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet, tilqa t-talba ta’ l-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubita X u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------